**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## Laqgħa Nru. 48/2016

Data: 14 ta' Ġunju 2016

Hin: 5:15 ta' filgħaxija

Post: Bini tal-Kunsill Lokali

---

Preżenti: ***Magda Magri Naudi*** – *Sindku*
***Massimo Scerri*** – *Kunsillier*
***Dr. Marc Sant*** – *Kunsillier*
***Lorrianne Farrugia*** - *Kunsillier*

***Georgette Borg*** – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: Stephanie Cutajar - Viċi Sindku

Assenti: Ħadd

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Jum Ħal Lija;
4. Komunikazzjoni mis-Sindku;
5. Korrispondenza;
6. VIP List
7. Affarijiet Oħra

8. Approvazzjoni tal-Pagamenti u Skeda tal-Petty Cash.

9. Aġġornament.

**Minuti - *48*/2016**

## 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.40p.m. b'introduzzjoni mis-Sindku fejn l-ewwel nett f'isem il-Kunsill tagħat il-kondoljanzi lil Viċi Sindku u l-familja tagħha peress li kellhom mewt fil-familja.

1.2 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar kienet skużata milli tattendi għal din il-laqgħa.

1.3 Is-Sindku f'isem il-Kunsill tagħat l-awguri tagħha lis-Sinjura Dorianne Bonniċi Bondin, skrivana, fl-okkażżjoni tat-twelid tat-tarbija tagħha.

1.4 Is-Sindku stiednet lill-Kunsilliera biex jagħmlu il-korrezzjonijiet tagħhom tal-laqgħa ta' 12 ta' Mejju 2016.

1.5 Kien kemm korrezzjoni waħda mingħand il-Minority Leader Dr. Marc Sant fuq nr 2.30 tal-Minuti. Din ġiet ikkoreġuta.

1.6 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sinjorina Lorraine Farrugia l- minuti nr 47 ġew approvati unanimament.

## 2. Punti mqajma mill-Minuti

2.1 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi stiednet lill-kunsilliera biex irresqu l-punti mqajma mill-Minuti.

2.2 Il-Kunsilliera ma kellhomx punti xi jqajmu mill-minuti.

2.3 Is-Sindku rringrazzjat lil kulħadd għall-koperazzjoni u għall-appoġġ tagħhom fil-press conference li saret nhar is-Sibt 11 ta' Ġunju 2016 fuq l-oġġezzjoni tal-binja fi Triq Daniel Sammut. Hija qalet li kienet tajba u kien hemm feedback tajjeb ħafna.

2.4 Is-Sindku infurmat li d-deċiżjoni fuq dan is-sit ser tittieħed għada l-Erbgħa 15 ta' Ġunju u għal daqs tant intbagħtet ittra llum 14 ta' Ġunju 2016, lil Perit Cassar fejn għidnilhu li din l-oġġezzjoni hija appoġjata minn Din l-Art Helwa u li din l-oġġezzjoni għandha tinstema quddiemu.

2.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk dak il-board fuq is-sit tal-Prof. Ganada li l-Kunsill kien iltaqgħa miegħu għandux jerġa' jiltaqgħa.

## 3. Komunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Is-Sindku s-Sinjura Magri Naudi ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-Evaluation Report tat-Tender for the Collection of Bulky Refuse LLC T03 / 16. Dan ir-rapport irid jiġi approvat u ffirmat biex ikun jista jitkompla l-proċess.

3.2 Is-Sindku spjegat il-proċess il-ġdid tat-Tenders fuq l-EPPS filwaqt li spjegat ukoll dan l-Evaluation Report.

3.3 Għal din it-tender tefgħu l-offerta tagħhom- Is-Sur Jimmy Muscat b'offerta ta' €2.11 għal kull household u B.A. Works Services Ltd, bl-offerta ta' €2.40 għal kull household. Peress li s-Sur Jimmy Muscat kellu l-irħas offerta u kellu r-rekwiżiti kollha ġie awarded din it-Tender.

3.4 Il-Kunsill approva dan ir-rapport u ġie iffirmat.

3.5 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, infurmat lill-Kunsill li l-MaltaPost ma avżatx uffiċjalment lill-Kunsill li ħadet il-post fejn kien hemm il-Garfields Stationery bħala ufficcju gdid tal-MaltaPost. Għandna ngħidu b'dan lil Maltapost anka għal fatt li ser jinħoloq iktar problemi ta' traffiku u anke ta' parkeġġ.

3.6 Resident qed jitlob biex fi Triq Annibale Preca quddiem il-post li bena jsiru double yellow lines. Il-bieb tad-dar tiegħu jinstab bejn żewġ garaxxijiet. Wieħed minn dawn il-garaxxijiet huwa tiegħu. Jekk jipparkja xi ħadd quddiem il-bieb se jkun ostaklu ta' wieħed minn dawn il-garaxxijiet u żgur li s-sidien ma jkunux jistgħu joħorgu bil-karozza anke minnħabba l-fatt li t-triq diġa dejqa. Il-Kunsilliera iddiskutew dan ir-request u ddeċidew li biex tissolva din il-problema irid isir parking għal motor cycle bay. Irid jiġi konsultat ir-resident b'dan u tintbagħat ir-request lit-TM.

3.7 Residenta li toqgħod fejn il-ġnien tal-Mirakli qed tagħmel request biex wara 9.00pm/10.00pm il-ġnien tal-Mirakli jingħalaq. Hija għandha l-kamra tas-sodda tagħti għal ġol-ġnien. Filgħaxija qed imorru ħafna żgħażagħ jilagħbu, jitkellmu, jaraw films bil-laptops u qed jagħmlu ħafna storbju. Hija ta' spiss ċemplet lil pulizija għax mhux jħalluhom jorqdu bil-lejl. Ir-residenta mhux tagħti tort lil dawn iż-żgħażagħ u qalet li l-pulizija għalxjn iċempilhom. Li jrid isir huwa li bil-lejl tingħalaq ix-xatba tal-ġnien biex dawn żgur ma jibqgħux jidħlu. Hija ġentilment tixtieq li dan ir-request tiġi milqugħa għax hi u familta mhux jirnexxilhom jorqdu bil-lejl. Wara li saret diskussjoni fuq dan ir-request ġie deċis li għalissa ngħidu lill-Projects Manager biex jibda jiftaħ il-ġnien mid-9.00a.m. u jagħlaq fl-10.00p.m. Wara Diċembru naraw min

ikun jista' jieħu dan l-impenn. Anke nistgħu nistaqsu lir-residenta li qed tagħmel dan ir-request jew lis-Sagristan tal-Kappella.

3.8 E-mail mingħand resident li joqgħod fi Triq il-Kbira rigward diversi issues li hawn ġewwa Ħal Lija prinċipalment fi Triq Il-Kbira u Triq Sant Andrija fosthom il-problema ta' parking, sewqan b'veloċitajiet eċċessivi u parkeġġ fi Triq tal-Mirakli. Dan ir-resident semma ukoll li l-planters li kienu saru fi Triq il-Kbira u li kellhom jitnehhew, ma kinux ta' ostaklu. Il-Kunsill iddiskuta il-problemi li semma dan ir-resident u ma jkunx dejjem possibli li l-Kunsill ikun jista jsolvi l-problemi kollha.

3.9 Residenta li toqgħod fi Triq Carmelo Farrugia tixtieq tagħmel request għal 2 parking slots tal-mutur fi Triq Carmelo Farrugia. Il-Kunsill approva din ir-request u għandha tinbagħat request lit-TM.

3.10 Residenta li toqgħod Triq Enejja no.2, qed tagħmel request biex issir zebra crossing fi Triq Enejja bejn Triq San Andrija Dan sabiex il-karozzi li jgħaddu minn hemm iħallu lil min ikun qed jimxi jaqsam. Filwaqt li l-kunsill approva dan ir-request, is-Segretarju flimkien mas-Sinjorina Lorraine Farrugia, għandhom jmorru 'on site'. Għandha tinbagħat request lit-TM u ngħidulhom li din ir-request qed issir ukoll għax hemm skola fil-viċin.

3.11 Request mingħand is-Sid tal-Bar il-Villaġġ fi Triq il-Forn eżatt quddiem il-Bar tiegħu biex isiru 4 Protective U Bar Measures fuq il-bankina quddiem il-bar tiegħu għaliex ħafna karozzi qiegħdin jitilgħu fuq il-bankina. Dawn il-U bars jista' jsir ir-reklam tal-ħanut tiegħu stess fuqhom. Il-Kunsill approva dan u għandha tinbagħat request lit-TM għal tlett protective U bars. Għandhom jintbagħtu l-ħaddiema tal-Kunsill biex isewwu l-bankina għax imkissra.

3.12 Request mingħand residenta biex Triq Robert Mifsud Bonnici ssir aċċessibli għar-residenti biss ta' Hal Lija fil-ħin ta' l-iskola. Dan għaliex għalkemm hija tosserva r-regoli u ma tgħaddix f'dan il-ħin, qed issib problema meta tgħaddi minn Main street għax ikun hemm dawk li jgħaddu minn quddiem l-iskola li joħolqu diffikulta għal persuni li jkunu qed jipprovaw jgħaddu minn Main street. Il-Kunsill qal li din mhux possibli li ssir.

3.13 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq ir-residential parking ta' Giuseppe Cali u Ta' Senna. Is-Segretarju nfurmat li kienet inbagħtat l-informazzjoni kollha lit-TM. Għandha ssir follow up mat-TM.

3.14 Resident reġa' ġie l-Kunsill Lokali għaliex għandu problema kbira u baqgħet li fi Triq Ġuzeppi Portelli qed jipparkjaw eżatt mal-kantuniera ta' l-entratura tal-garaxx. Il-Kunsill issa għamilu 0.5m double yellow lines pero xorta ġie jerġa jgħid li għandu problema u anke ġab ir-ritratti.

Il-Kunsill għamel 0.5m u mhux 1m double yellow lines biex ma jitlifx parking spaces. Huwa qed jibqa' jsostni biex issir xi ħaġa sura u kif suppost għax ma jistax jibqa' sejjer hekk. Jekk jolqot xi karozza huwa u ħiereġ mill-entratura tal-garaxxijiet iżomm responsabbli l-Kunsill. L-aħjar soluzzjoni għalissa huwa li r-resident għandu jirraporta lill-Pulizija filgħaxija u jirraporta lill-Kunsill jekk ikun hemm xi karozza ta' ostaklu għall-entratura.

3.15 Kont tal-Arms tas-soft area ta' Robert Mifsud Bonniċi street jekk mhux se inħalsu jew ineħħu kollox għax qatt ma ttieħdet deċiżjoni. Kull ma kien sar li intbatgħet break down lil kunsilliera, kif kien gie decis, imma risposta mill-kunsilliera ma inghatatx. Il-Kunsill iddeċieda li għalissa iħalli l-arloġġ għax jista' jkun li l-Kunsill jagħmel xi ħaġa fis-soft area.

3.16 Żewġ residenti li joqgħodu fi Triq Annibale Preca xtaqu jagħmlu request għan-nom tar-residenti ta' Triq Annibale Preca li joqgħodu fil-parti fejn hemm l-istatwa ta' San Ġuzepp biex issir speed hump kif taqbeż Triq il-Kbira, int u tiela' għal Triq Annibale Preca ftit żgħira l-isfel jew il-fuq mill-istatwa ta' San Ġuzepp. Dan għaliex il-karozzi qiegħdin jgħaddu bi speed qawwi ħafna u hemm hekk kulħadd għandu tfal żgħar. Il-Kunsill iddiskuta din ir-request imma għal żewġ raġunijiet prinċipali peress li it-tarmac għadu ġdid fi Triq Annibale Preca u anke għal fatt li diġa teżisti sleeping policeman fit-traf ta' Triq San Anton, ikun aktar utli jekk issir sleeping policeman fit-tarf ta' Triq il-Kbira peress li l-karozzi jiġu bi speed biex iduru ġo Triq Annibale Preca. Iridu jiġu ikkonsultati ir-residenti li għamlu dan ir-request.

3.17 Resident qed jagħmel request għal double yellow lines faċċata tal-garage tiegħu no.6 fi Triq Fernand Gregh għaliex qiegħed isib diffikulta biex joħroġ minn ġol-garaxx. Dawn id-double yellow lines jekk isiru ovjament ser jiġu quddiem residenza ta' xi ħadd ieħor fl-istess triq. Il-Kunsill iddeċida li għandhom jiġu konsultati r-residenti tal-faċċata u nispjegawlhom il-problema x'hini. Wara napplikaw għall-yellow lines mat TM.

3.18 Residenta li toqgħod fi Triq Annibale Preca tixtieq tagħmel request lill-Kunsill Lokali biex tneħħi r-rampa eżistenti u tagħmel oħra ġdida bi spejjes tagħha ta' 50cm. Il-Kunsill iddiskuta din ir-request u approvah diment li din ma toħroġx il-barra mit-triq. Is-Segretarju u S-Sinjorina Lorraine Farrugia għandhom imorru 'on site'.

3.19 Resident jixtieq jagħmel request biex id- double yellow lines li għandu mal-ġnub tal-garaxx tiegħu fi Triq Annibale Preca jitwalu. Is-Segretarju u S-Sinjorina Lorraine Farrugia għandhom imorru 'on site' fuq din ir-request.

3.20 Residenta li toqgħod fi Triq N.Cottoner quddiem no.38 tixtieq li l-Kunsill jirranġa l-biċċa tat-triq li hemm quddiem il-bieb tagħha għaliex hija wheelchair bound u tbati ħafna meta toħrog fit-triq bil-wheelchair. Għandhom jintbagħtu l-ħaddiema tal-Kunsill biex jagħmlu patching bil-cold asphalt.

3.21 Tressqet request mingħand Soċjeta Sant Andrija għal Ikla Spettaklu Friday 29th July 2016 mis-7.00p.m. sa 12.00a.m. Kull ma tingħalaq Triq Sant Andrija. Din ir-request ġiet approvata. Għandhom jiġu ibbukkjati l-Wardens għan-nom tagħhom.

3.22 Applikazzjoni għal skrivana general duties mingħand Ms Jessica Farrugia – CIES (Community Inclusive Employment Scheme). Il-Kunsill ma approvax din ir-request għalissa peress li għadna qed nagħlmu skrivana ġdida fil-Kunsill.

3.23 Request mingħand resident li joqgħod "Tulips' Apartment, fi Triq Massimiliano Debono għal double yellow lines quddiem il-gate li jagħti għal underlying garages. Il-Kunsill iddiskuta din ir-request u filwaqt li approva li għandna nagħmlu request ma' TM, s-Segretarju u s-Sinjorina Lorraine Farrugia ser imorru 'on site'.

3.24 Is-Segretarju xtaqet tikkonferma mal-Minority Leader Dr Marc Sant fuq ir-railing / delineator li kellha ssir ħdejn Dr Micallef Hawkes fi Triq il-Forn. Il-Kunsill qabel li għandha ssir U Bar żgħira.

3.25 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li hija kienet attendiet għal laqgħa fuq l-EU Funds. Hija ġabet din l-informazzjoni fuq dawn il-fondi fl-uffiċċju. Hija qalet, peress li l-fondi dejjem 80% jingħataw u l-kumplament ta' 20% iridu jintħarġu mill-Kunsill u l-Kunsill mhux f'pożizzjoni finanzarja tajba biex jintħarġu dawn il-fondi, il-Kunsill jista' japplika għan-nom ta'xi soċjeta.

3.26 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li nistgħu napplikaw għan-nom tal-Knisja biex jiġi restawrat iċ-ċimiterju ta' l-Abbati. Għandna nitkellmu mal-Kappillan fuq dan is-suġġett.

3.27 Għandha tiġi ppjanata laqgħa mal-MEUSAC ukoll biex jaghtuna parir dwar dawn il-fondi.

3.28 Il-Minority Leader tkellem fuq il-fondi għall-attivitajiet kulturali għas-sena 2017. Saret diskussjoni fuq dawn il-fondi u l-Minority leader Dr. Marc Sant għandu jistaqsi aktar informazzjoni fuq dawn il-fondi.

## 4. Mobility Week

4.1 Is-Segretarju tat update ta' laqgħa li saret fuq il-European Mobility Week Competition. Din il-laqgħa saret biex jiġi inkoraġġut l-użu ta'

inqas karozzi u jintużaw iktar roti u jsir iktar mixi. Il-Kunsilli għandhom jieħdu parti f'din l-attiva. Din l-attivita għandha żewġ partijiet.

4.2 Il-Kunsilli jistgħu jew japplikaw għal 2,000 biex jagħmlu ġimgħa attivitajiet bejn is-16 sa 22 ta' Settembru 2016 jew tiġi organizzata 'car free day' biss li ser tiġi organizzata fit-22 ta' Settembru 2016. Data ta' l-għeluq għal din l-attivita hija s-6 ta' Lulju 2016.

4.3 It-tieni parti ta' din l-attivita hija grant għal miżuri permanenti, min jiġi fl-ewwel post jibbenefika €50,000 u min jiġi t-tieni post jibbenefika €30,000. Il-Kunsill irid jaħdem fuq proġett li jkun permanenti. Id-data ta' l-għeluq għal din l-attivita hija l-31 ta' Awwissu 2016.

4.4 Il-Kunsill tkellem fuq diversi affarijiet x'jista jsir bħal tingħalaq il-pjazza għal ġurnata jew weekend bhal bus service żgħir minn post għall-ieħor. Is-Sindku u Dr. Marc Sant għandhom jorganizzaw laqgħa flimkien ma' Prof. Maria Attard li kienet ressqet il-pjanti fuq it-traffiku, biex tiġi diskussa din l-attivita.

4.5 F'din il-laqgħa ser tiġi ukoll diskussa kif ser jiġi attwat id-devjazzjoni tat-traffiku skond l-istudju li sar minn Prof. Maria Attard u t-team tagħha.

## 5. Management Letter

5.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill il-Management letter minghand in-National Audit Office, li waslet fl-uffiċċju il-ġimgħa li għaddiet.

5.2 Is-Sindku qalet li kif spjegat l-accountant meta attendiet għall-laqgħa tal-Kunsill biex jiġu approvati l-adjustments ta' l-accounts, is-sitwazzjoni finanzjarja kienet tjiebet, meta din il-Management Letter kienet qed tgħid bil-kontra. Il-Kunsill għadu sewwa taħt l-FSI.

5.3 Għandha ssir laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi nhar it-Tlieta 21 ta' Ġunju 2016 biex tiġi diskussa il-Management letter u s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

## 6. Jum Ħal Lija

6.1 Il-Kunsilliera ddiskutew kif ser tiġi organizzata Jum Ħal Lija għal matul din is-sena.

6.2 Ikkonfermaw li d-data għandha tibqa' kif dejjem kienet dik tas-6 ta' Lulju 2016. B'budget żgħir ta' €250 jew €300, il-Kunsill ma jistax jorganizza serata kbira.

6.3 Ġie deċis li ssir quddiesa ta’ ringrazzjament bħas-soltu fis-6.30p.m, isir id-diskors tas-Sindku u tiġi organizzata serata żgħira ta’kant.
6.4 Ser jiġu avviċinati żewġ kantanti Rachel u Lowell minn Triq Mario Agius biex jibdew u jispiċċaw is-serata.
6.5 Sa dan it-tant il-Kunsill irid jiddeċiedi, jekk ser jagħti Ġieh Ħal Lija, lil min ser jgħatiha. Dan għandu jiġi deċis sas-6 ta’ Lulju 2016.
6.6 Għandhom jinxtraw il-kumplament tal-bozoz għat-Torri biex jinxtegħel bil-kuluri f’Jum Ħal Lija u fil-Festa tas-Salvatur.

## 7. Affarijiet Oħra

7.1 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa lill-Kunsill jekk jistax jieħu f’idejh il-kwistjoni ta’ l-uffiċċju tal-Kunsill.
7.2 Il-Kunsill qabel u huwa ser jaħdem anke biex jitressaq avviz ta’ Interess f’dan ir-rigward.
7.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li għandna nagħmlu request lit-TM biex issir zebra crossing minn naħa ta’ Ħal Lija għaċ-ċimiterju u minn naħa tan-Naxxar għaċ-ċimiterju peress li din hija Arterial Road, hija perikoluza ħafna. Trid issir request ukoll lit-TM biex terġa tinżebagh iz-zebra crossing ta’ ħdejn il-ġibjun.
7.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq il-ħarga ta’ Għawdex. Hija qalet li Ta’ Mena qalulha li jekk il-Kunsill jħassar l-attivita, xorta waħda ser ikollu jħallas għall-attivita għax ikun irrifjuta lil xi ħadd ieħor.
7.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li jrid jiġi kkonfermat li l-coach minn Malta tkun bl-istaffa minħabba l-anzjani.
7.6 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa jekk jistgħux jiġu rranġati l-parking bays ta’ Triq il-Forn ħdejn l-istatwa ta’ San Pawl, peress li qed isir parking bl-addoċċ. Irid jerġa’ jsir refreshing.
7.7 Irid jiġi iċċekkjat x’kien ippreparat mill-Perit fit- 2013 / 2014 rigward parking bays fi Triq Giuseppe Cali, Triq Preziosi u anke Triq Il-Forn. Irid jiġi iċċekkjat ukoll jekk sarux iktar pjanti mill-Perit fuq parking bays oħra u jiġu attwati.
7.8 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hemm bżonn li jingħata ftit konkos fejn l-arblu fi Triq Id-Dejqa ħdejn id-Doggy bin. Dan ser isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.
7.9 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li ż-żbir li sar fil-hedges ta’ Triq Karlu Darmanin illum 14 ta’ Ġunju mill-kuntrattur tal-ġonna, ma sarx sewwa. Għandu jiġi kkuntatjat il-kuntrattur biex dan isir kif suppost.

7.10 Is-Sur Massimo Scerri qal li kien aviċinah resident li għandu llment li l-bankina ta' quddiem il-garaxx tiegħu għandha bżonn titranġa għax imkissra. Is-Segretarju infurmat li dan l-ilment diġa għadda mill-Kunsill imma għadu ma sarx minħabba li trid issir bankina mill-ġdid u għalissa il-kunsill mhux f'pożizzjoni finanzjarja tajba biex jagħmilha.

7.11 Is-Sur Massimo Scerri staqsa x'kien ġara mill-kawża tal-flooding. Is-Segretarju wieġbet li l-kawża tal-flooding għada għaddejja u l-kawża li jmiss ser tkun nhar it-Tnejn 20 ta' Ġunju 2016.

7.12 Is-Sur Massimo Scerri staqsa ukoll x'kien ġara mill-kwarela tal-Waste Collection. Is-Segretarju infurmat li hija flimkien mas-Segretarja ta' Ħ'Attard għamlu dikjarazzjoni quddiem l-Ispettur Ferris il-ġimgħa li għaddiet.

7.13 Is-Sur Massimo Scerri staqsa fuq il-ħsara li saret mill-ħaddiema li qed jaħdmu fl-isqaq ta' Triq id-Dejqa. Is-Segretarju infurmat li hija kienet kellmet lis-Sinjura Strickland u aċċertata li jekk ikun hemm xi ħsarat dawn jiġu rranġati meta jitlesta x-xogħol.

7.14 Is-Segretarju infurmat lill-Kunsill li kienet saret il-laqgħa 'on site' ħdejn il-ġnien Tal-Mirakli u fiċ-Ċentru Rekreattiv, mal-Kuntrattur tal-ġonna kif kien ġie deċiż fl-aħħar tal-laqgħa tal-Kunsill biex jagħtina parir fuq is-siġar li l-għeruq tagħhom qed jaqilgħu l-madum. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm il-Minority Leader Dr. Marc Sant u s-Sinjorina Lorraine Farrugia. Fuq is-siġar tal-Mirakli, il-kuntrattur tagħna parir li għandu jinqala' il-madum li kien diġa inqala u l-ħaddiema tal-Kunsill għandhom jagħtu l-konkos biex jilixxaw l-art u ma tibqax perikoluża. Dawn is-siġar ma jistgħux jinqalgħu għax huma protetti.

7.15 Fuq is-siġar taċ-Ċentru Rekreattiv, il-kuntrattur tana parir li jew inkabbru l-ħamrija sa fejn hemm il-madum il-fuq jew inkella ineħħu din is-siġra għax din mhux protetta.

7.16 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant għandu jieħu parir minn għand xi ħadd ieħor.

## 8. Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-pagamenti u tal-petty cash

8.1 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda tal-pagamenti u tal-petty cash biex tiġi approvata.

8.2 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant u s-Sinjorina Lorraine Farrugia ma approvawx l-ewwel żewġ pagamenti fuq l-iskeda, dawk tal-Waste Collection, fuq il-kuntratt tal-ġbir ta' Domestic Waste u l-kuntratt tal-knis.

8.3 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sinjorina Lorraine Farrugia, l-iskeda tal-pagamenti u tal-Petty Cash ġiet approvata mill-Kunsill.

## 9. Aġġornament

9.1 Peress li s-Sinjorina Stephanie Cutajar ma kinetx preżenti għal laqgħa tal-Kunsill ġew deċiżi żewġ dati għall-laqgħa li jmiss. Dawn huma nhar il-Ġimgħa 15 ta' Lulju 2016 jew nhar it-Tnejn 4 ta' Lulju 2016 fil-5.15p.m. Is-Sinjorina Stephanie Cutajar trid tikkonferma liema data hija tkun disponibbli.

Is-Seduta intemmet f'8.35pm hrs b'mod unanimnu.

**IFFIRMATA**

***Magda Magri Naudi***
*Sindku*

**IFFIRMATA**

***Georgette Borg***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: ***[data]***